MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2008

Appell Civili Numru. 66/2003/1

**Alfred Cutajar**

**v.**

**Dione Bartolo u Mario Cauchi**

**Il-Qorti:**

**<u>PRLIMINARI</u>**:

1. Dan hu appell ad istanza ta' wiehed mill-konvenuti, jigifieri Dione Bartolo minn sentenza *in parte* moghtija mill-

Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2007 fil-kawza fl-ismijiet premessi li fiha dik il-Qorti ddecidiet billi
(i) laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Mario Cauchi u illiberatu mill-osservanza tal-gudizzju;

(ii) dwar l-eccezzjonijiet tal-konvenut Bartolo, il-Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni ghax il-fatt li l-attur inkariga direttament (sic) mhix raguni valida biex ma jidholx fir-responsabbilita` minhabba li r-responsabbilita` tieghu hija biss rizultat ta' l-ambjent tax-xoghol;

(iii) kuntrarjament ghal dak sollevat fit-tieni eccezzjoni tal-konvenut Bartolo l-incident ma garax unikament tort tal-attur minhabba traskuragni assoluta tieghu izda zewg terzi ($^2/_3$) tal-istess konvenut Bartolo u terz ($^1/_3$) tal-attur u ghalhekk cahdet it-tieni eccezzjoni;

(iv) dwar it-tielet eccezzjoni fejn Bartolo kkontesta l-aspett tad-dizabilita` u danni konsegwenzjali, din setghet tigi definita wara n-nomina ta' perit ortopediku u ghalhekk dwar din l-eccezzjoni l-Qorti kellha tiddeciedi fuq dan l-aspett wara r-rapport ta' tali espert.

(v) bl-ispejjez rizervati ghal wara l-gudizzju finali.

1.2. Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, din il-Qorti qeghda tirriproduci hawn taht u *in toto* s-sentenza appellata li fiha l-Qorti ta' l-ewwel grad irriteniet u ddecidiet hekk:
"Il-Qorti,

"**A. CITAZZJONI:**

"Rat ic-citazzjoni tal-attur li biha ppremetta:

"Illi l-attur gie inkarigat mill-konvenut Cauchi sabiex jezegwixxi xoghlijiet ta' tibjid gewwa block flats proprjeta` tal-konvenut l-iehor Bartolo.

''Illi fl-incident li sehh fl-1 ta' Frar 2001 fuq post tax-xoghol, u cioe` fil-binja flats gewwa Triq il-Marfa, Mellieha, fejn waqt il-hin tax-xoghol u matul il-qadi tad-doveri tieghu, l-

attur sofra danni fuq il-persuna tieghu li b'konsegwenza taghhom tilef ix-xoghol u sofra debilita` permanenti kif jirrizulta mic-certifikat mediku anness mac-citazzjoni.

"Illi ghall-istess incident u danni konsegwenza huma unikament responsabbli l-konvenuti, jew min minnhom, minhabba li naqsu li jiehdu dawk il-mizuri u dawk il-prekawzjonijiet neccessarji li setghu evitaw l-incident in kwistjoni.

"Illi ghalkemm interpellati biex jersqu ghal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attur, il-konvenuti baqghu inadempjenti.

L-attur talab lill-Qorti:

"1. Tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom, unikament responsabbli ghall-incident li sehh fl-1 ta' Frar 2001 waqt il-hin tax-xoghol, f'liema incident l-attur sofra danni fuq il-persuna tieghu.

“2 Tillikwida d-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-imsemmi incident, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi.

“3. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata minn din il-Qorti.

“Bl-ispejjez, inkluz ta' l-ittra interpellatorja datata 7 ta' Jannar 2002, u tal-ittra ufficjali datata 5 ta' April 2002, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-attur.

“**B. ECCEZZJONIJIET:**

"Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Dione Bartolo li biha eccepixxa:

"1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attur billi in linea preliminari hu ma kienx inkariga lill-attur biex jesegwilu xogolijiet ta' tibjid kif allegat.

"2. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghall-permess, l-incident in kwistjoni gara tort unikament tal-istess attur minhabba traskuragni assoluta tieghu u dana kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

"3. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghall-premess, hu jikkontesta l-aspett ta' allegat disabilita` kif ukoll l-allegati danni konsegwenzjali.

“4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

"Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut Dione Bartolo.

"Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Mario Cauchi li biha eccepixxa:

"1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u kellhomhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur u dan ghar-ragunijiet segwenti u cioe` li l-attur ma kienx impjegat jew inkarigat mieghu biex jesegwixxi x-xoghol in kwistjoni, izda effettivament kien shab ugwali kemm mieghu kif ukoll ma' Manuel Vassallo kwindi ma jistax jitfa ebda responsabbilita` jew tort fuq il-konvenut ghal xi allegati nuqqasijiet.

"2. Illi subordinament u bla pregudizzju ghall-premess, l-incident gara tort unikament ta' l-istess attur minhabba traskuragni u addirittura negligenza u inoltre billi naqas serjament li jiehu hsieb is-sigurta` tieghu nnifsu u dan kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

"3. Ili subordinament u minghajr pregudizzju ghall-premess il-konvenut ikkontesta l-allegat disabilita` u l-allegat danni konsegwenzjali u dan ghar-raguni senjatament, li l-attur baqa' jahdem fl-istess xoghol kif jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

"4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut Mario Cauchi.

"Rat l-atti kollha tal-kawza.

"Semghet lix-xhieda bil-gurament.

"Semghet l-abili difensuri.

"Ikkunsidrat

"**C. PROVI:**

"Rat l-affidavit ta' Alfred Cutajar fejn issemma li mhux l-ewwel darba li hu u Manuel Vassallo hadmu xi bicca xoghol flimkien. Madanakollu, din id-darba kien Mario Cauchi li kien jaf b'din il-bicca xoghol. Huma t-tlieta, u cioe` hu, Manuel Vassallo u Mario Cauchi ddecidew li jiehdu din il-bicca xoghol bi shab. Meta marru l-ewwel darba fuq il-post fejn kien ser isir ix-xoghol, u cioe` f'binja ***flats*** gewwa Triq il-Marfa, Mellieha, u kienu ser jibdew jahdmu, is-sid tal-post – Dione Bartolo – kien ghadu ma giex. Wara ftit tal-hin, Dione mar u tellalhom l-ghodda li kienu ser jahdmu biha, bil-***crane***, u ghall-habta tat-tmienja ta' filghodu, bdew ibajdu. Ix-xoghol kien jikkonsisti f'tibjid. Is-sid tal-post kien imur regolarment jara x-xoghol li jkun sar matul il-gurnata. Qal li huma kienu ilhom jahdmu fuq dan is-sit ghal xi erbat ijiem qabel l-incident. Dak inhar ta' l-incident, u cioe` fl-1 ta' Frar 2001, ghal habta ta' xi l-hdax ta' filghodu, ma kienx fadlilhom zebgha u ghalhekk cemplu lil Dione Bartolo sabiex jixtrilhom. Il-ftehim kien illi l-materjal li kellu jintuza kien ser jinxtara mill-konvenut. Ghal habta tas-saghtejn ta' wara nofs in-nhar, huwa hadilhom iz-zebgha u komplew jahdmu. Madwar siegha u nofs wara, huma bdew izarmaw u hu baqa' fuq sabiex inewwel xi affarijiet li kienu hadmu bihom lil shabu fil-frattemp kienu lahqu nizlu isfel. Hu kien lahaq nizzel xi bramel u sakemm kien qed jistenna lil Manuel u lil Mario biex jaghjtulu halli jkompli jnizzel il-bramel, hu serrah ftit

idejh mal-injama tal-***lift*** li kienet imwahhla fuq in-naha ta' gewwa tal-***lift***. Din l-injama kienet mwahhla mal-***bricks*** b'zewg imsiemer ta' l-azzar. Ma kienx ilu aktar minn ftit sekondi jistrieh ma' din l-injama, li cediet u nqalghet; peress li kien qed iserrah maghha, x'hin cediet, hu waqa' ghal isfel. Hu fil-hin meta sar l-incident kien fit-tielet sular, u ghalhekk spicca waqa' tlett sulari u sular iehor ghal basement. Wara li waqa' hu baqa' l-hin kollu f'sensih, u ghalhekk beda jghajjat ghall-ghajnuna. Shabu semghuh, u huma u telghu minn xi sular jew tnejn biex jittawlu u wara nizlu hdejh. Kienu huma fil-fatt li cemplu l-ambulanza u li gharrfu lis-sid tal-***block*** bl-incident. Dione Bartolo wasal qabel l-ambulanza u qal lil Manuel u lil Mario biex itellghuh huma; madanakollu, dawn irrifjutaw. Kienu l-persuni tal-ambulanza li tellghuh mix-***shaft***, u haduh dritt l-isptar Generali. Manuel mar mieghu bl-ambulanza u huma u sejrin l-isptar hu qabbdu ma' ommu fuq it-telephone. Hekk kif waslu l-isptar, it-tobba bdew jinvistawh u ghamlulu diversi ***x-rays***. Kawza tal-incident kellhom isirulu zewgt operazzjonijiet, wahda saret l-Ingilterra u l-ohra hawn Malta. Il-feriti tieghu fil-maggor parti taghhom kienu fis-sinsla tad-dahar u fl-gharqub tas-sieq il-leminija. X'hin hareg hu sab lill-genituri tieghu jistennewh flimkien ma' Manuel, Mario u Dione. In-***nurse*** tellghuh fis-sala, u wara aktar visiti u konsultazzjonijiet, it-tobba ddecidew li l-operazzjoni kellha ssir barra minn Malta. Dakinhar tal-incident filghaxija, marru l-Pulizija sabiex jinvestigaw il-kaz. Hu ghamel perjodu ta' madwar xahrejn l-isptar Generali, tul liema perjodu kien jircievi kura u kien jigi invistat ta' spiss minn tobba u specjalisti, u dan minhabba l-feriti li kellu. Fl-isptar barra minn Malta dam disat ijiem. Kif semma aktar 'il fuq, gie rakkomandat lilu li jmur jaghmel operazzjoni barra minn Malta, u aktar precizament gewwa l-Ingilterra. Hu tela' l-Ingilterra fil-5 ta' Frar 2001, akkumpanjat minn missieru u z-zija. Kellhom itellghuh mimdud fuq ***stretcher*** peress li ma seta' jcaqlaq ebda parti minn gismu. L-operazzjoni li kellha ssir kienet ser issir f'dahru. Hadmulu kurpett appozita ghalih. L-operazzjoni saret u fl-14 ta' Frar 2001, hu nizel lura Malta ma' ***nurse*** li kienet telghet specifikament mieghu sabiex tassistih fuq l-ajruplan. Ghalkemm kien ghamel l-operazzjoni f'dahru, kellu jaghmel operazzjoni ohra

f’saqajh minhabba l-ksur li kellu fiha wkoll. Xi ftit jiem wara li gie minn barra, gie operat mill-Professur Zammit Maempel f’saqajh, u twahhlet ***plate*** fl-gharqub tas-sieq tal-lemin. Wara ftit tal-granet it-terapisti bdew jippruvaw iqajjmuh ghal ftit minuti, madanakollu kien jistordi peress li kien ilu madwar tlett gimghat mimdud fis-sodda. Meta wasal biex johrog mill-isptar, mar lura lejn id-dar bl-ambulanza ghaliex kellu bilfors joqghod mimdud. Meta mar id-dar wara l-isptar, kellhom jixtrulu sodda li tghola u tinzel, u dan peress li kien bil-kurpett komplut bis-sieq. Biex jkun jista’ jqum, bilfors kellu jgholli s-sodda. Tul il-perjodu li qatta’ d-dar, l-ambulanza kienet tmur ghalih sabiex tiehdu ghas-sezzjonijiet ta’ terapija. Fil-bidu ta’ Gunju 2001, l-isptar nehhewlu krozza wahda li kien qed juza, u sa dan iz-zmien kien ghadu jmur kull gimgha ghat-terapija. Fil-bidu ta’ Lulju 2001, nehhewlu l-krozza l-ohra, izda xorta wahda kien ghadu jilbes il-kurpett. Ghal nofs Dicembru 2001, beda jimxi minghajr il-kurpett, izda kellu joqghod attent hafna dwar kif ibaxxi u jitghawweg. Dam jattendi t-terapija ghal sena shiha, sa Frar 2002. Hu ser jibqa’ jbaghti l-konsegwenzi ta’ dan l-incident ghal ghomru, u dan peress illi b’segwitu ta’ dan l-incident ma jistax jaghmel xoghol li jirrikjedi li jitla’ slielem. Lanqas jista’ jaghmel perjodi twal bil-wieqfa, u lanqas bil-qeghda. Ma jistax jerfa’ affarijiet tqal, la jista’ jaqbez, jigri jew jimxi fuq ponot subajh.

“Xehed <u>Alfred Cutajar</u> in kontro ezami, fejn qal illi l-pozizzjoni tieghu fuq ix-xoghol kienet wahda ta’ shab. Hu ma kienx impjegat minn haddiehor. Ix-xoghol kien jikkonsisti f’ tibjid. Ix-xoghol kien ikun kwazi diga` lest u allura kull ma kien jikkonsisti kien f’ tibjid biss. Il-post kien ***shell form***. L-ghodda kienet tikkonsisti f’ sellum, xi bramel, ***roller***, zebgha. Meta gew biex jghaddu l-bramel biex jahsluhom isfel ghaddewhom mix-***shaft*** tal-***lifts***. Din kienet decizjoni ta’ kollha kemm huma. It-tarag ta’ madwar il-***lift shaft*** kien accessibbli. Isfel kien hemm Emanuel Vassalo u Mario Cauchi u hu kien qed jghaddi l-bramel ghal isfel. L-incident gara kif kien qed inewwel ghal isfel. Fil-fatt hu kien nizzel l-ghodda u kien qed jistenna biex jghidlu biex jerga’ jnizzel. Sadanittant serrah idejh mal-injama u cediet bih. Huma ddecidew li

jnizzluhom gox-***shaft*** minnflok ma jnizzluhom bit-tarag peress li kien hemm hafna ghodda u kien hemm 3 sulari. Ghodda kien hemm kemm hfief kif ukoll tqal ghax kien hemm anke xi bramel biz-zebgha. Is-slielem u t-tavletti ma kienux nizzluhom. Dan l-ewwel darba li ghamlu dan it-tip ta' xoghol flimkien. Bartolo ma kien tah ebda struzzjonijiet ta' kif jghaddu l-ghodda. L-affarijiet li nizlu isfel kienu ilhom xi hames minuti biss. Hu kien wahdu u t-tnejn l-ohra kienu qeghdin isfel. Emanuel Vassallo bin-nofs zgur mieghu kien. Illum il-gurnata hu jista' jitla' u jinzel slielem pero` jbati u ma jistax jaghmel tul ta' hin fuqhom. Spjega li hu fuq ***scaffolding*** mhix daqshekk problema ghax l-importanti li ma joqghodx fuq l-gharqub, u jghaddi minn tavlun ghal iehor. Dak iz-zmien li ghamel l-isptar thallas Lm40 fil-gimgha ghas-6 xhur. Kien ghamel xagharejn l-isptar u erba' xhur ohra d-dar ma jaghmel xejn.

"Rat l-affidavit ta' Mario Cauchi fejn issemma li hu kien avvicina lil Dione Bartolo u staqsieh jekk kellux bicca xoghol li kienet tghodd ghalih. Ir-risposta tieghu kienet li huwa kellu binja li kienet waslet ghall-"***finishing"*** u kien qed ifittex kuntrattur biex ibajjadlu l-post. Hu kien qallu li kien lest li jiehu dan ix-xoghol u spjegalu li kellu ***"partner"*** mieghu li kien lest lu jahdmu dan ix-xoghol flmkien. Kienu ftehmu dwar ir-rati. Dahhlu lill-attur fuq dan ix-xoghol. Allura spicca "***partner***" maghhom Alfred Cutajar. Ftehmu biex jtellghu l-ghodda ix-xaft. Kien hemm ***wire*** tat-***telephone*** imdendel fix-xaft u hu rabat il-bramel ma' dan il-***wire*** u Alfred Cutajar beda jigbidhom 'il fuq. Hin minnhom ra xi haga ghaddejja minn quddiemu hekk kif kien wieqaf quddiem il-fetha tax-xaft u nduna li Alfred Cutajar kien waqa fix-xaft. Dwar l-ambjent fejn kienu qeghdin jahdmu seta' jghid li kien hemm strixxi ta' injam ma kull fetha li kienet taghti ghax-xaft. Ikkonferma li l-attur kien rega' qed jahdem wara l-incident. Xehed Mario Cauchi u semma li Bartolo huwa ***developer***.

"Xehed Emanuel Vassallo u qal illi kien jiftakar li xi zmien ilu kien inkarigat biex jaghmel xoghol fi Triq il-Marfa, il-Mellieha. Hu lill-attur jafu, gieli ghamlu xi bicca xoghol fil-bini, ta' kisi u tibjid. Hu kien isfel meta gara l-incident. Qal

li fil-fatt ix-xoghol kien qed isir minn Mario Cauchi, Alfred Cutajar l-attur u minnu. L-attur mhux impjegat mieghu izda kullhadd jahdem ghal rasu. Ix-xoghol kellu jsir billi jsir ix-xoghol jitkejjel u mbaghad jaqsmu bejn tlieta. Il-***lift*** il-kaxxa tieghu ma kienx hemm, kien hemm il-vojt. Fil-fatt kien hemm imwahhal mal-hitan ta' quddiem ix-xaft xi tlett bicciet injam gholi ta' xi tlieta, erba' piedi mqassmin fl-gholi. Hu mhux impjegat ta' Dione Bartolo. Is-Sur Cutajar la impjegat mieghu u lanqas mas-Sur Dione Bartolo.

"Xehed David Sammut fejn qal illi llum il-gurnata jahdem bhala ***Principal Officer*** pero` precedentement kien jahdem bhala ***Safety Officer*** ma' l-Awtorita` tal-***Health & Safety***. Qal li riferibbilment ghall-incident li gara fl-1 ta' Frar 2001 fit-triq tal-Marfa, il-Mellieha, hu kien gie avzat minn ufficjal iehor ta' l-Awtorita` fil-5 ta' Frar u fil-fatt kien acceda fuq il-post. Qal li fil-21 ta' Frar hu kien kellem lil Alfred Cutajar li kien sofra l-incident u kien kellmu l-isptar. Qal li kien indikalu li kien Dione Bartolo li kien tah ix-xoghol. Qal li hu kien qallu lilu li kienu spiccaw ix-xoghol fit-tarf tal-gurnata u kienu qed inizzlu xi affarijiet ghal isfel, li hu serrah ma' xi ***fencing*** li ceda bih u li kawza ta' dan waqa' erba' sulari u nofs dejjem minn dak li qallu hu stess. Dak li qed jirriferixxi ghalih huwa ta' xaft ta' lift li kien qieghed ghadu in kostruzzjoni. Qal li meta kienu fil-fatt ivverifikaw dwar il-post ma kienux hadu d-decizjoni li jtellghu l-persuna l-Qorti ghalkemm kienu raw diversi xafts miftuhin u plakek mahruqin. Kien fit-22 ta' Frar, l-ewwel darba li hu dahal fil-post. Ix-xafts li kien ra hu ma kienx ra xaftijiet maghluqin u li kienu ***safe***.

"Rat l-affidavit ta' Spiridione sive Dione Bartolo fejn issemma li kien mar ifittxu Mario Cauchi, u staqsieh jekk kellux xi bicca xoghol ghalih. Hu qallu li kellu blokk appartamenti li kien f'stat avvanzat ta' ***finish*** u offrielu xi xoghol ta' tibjid. Mario Cauchi qallu li hu kien jaf jaghmel dak ix-xoghol. Wara li ftehmu r-rati qallu biex jibda mill-***garages*** ta' l-istess blokk. Mario qallu li kien ser igib lil xi hadd iehor biex jghinu fix-xoghol. Hu qallu li ghalih ma kienetx taghmel differenza, pero` qallu li mieghu kellu x'jaqsam hu. Mario Cauchi flimkien ma siehbu bdew jizbghu l-appartamenti u wara xi tlett ijiem gara dan l-

incident. Meta wasal staqsa lil Mario Cauchi kif gara l-incident, Hu kien qallu li kienu lestew mix-xoghol u nizlu jahslu l-affarijiet miz-zebgha. U biex ma jitilghux it-tarag, bdew inewlu l-affarijiet minn gol-***lift shaft***, u Mario Cauchi kien qallu li Alfred Cutajar kienet ghelbitu rasu u waqa' 'l isfel.

"Xehed li minhabba li l-***lift*** kien ghadu mhux lest, il-bokka ghal-***lift*** kienet maghluqa bl-injam b'mod illi kienu gholjin xi metru u nofs mill-art. Infatti kien hemm xi erba', hames (5) strixxi kull sular ghax ma kenitx injama shiha. Dawn kienu f'kull livell. Kienu jwahhluhom il-haddiema tal-kostruzzjoni. Ir-rwol tieghu huwa ***property developer***.

"Xehed <u>Stephen Bartolo</u> li qal li riferibilment ghax-***shaft*** in kwistjoni, illi kien hemm il-***lift*** mhux imhawwal izda quddiemu, gholi ta' xi tlett piedi, kien hemm diversi lasti ta' l-injam imwahhlin quddiemu. Il-lasti kienu jinsabu imwahhlin fis-sulari kollha tax-***shaft*** tal-***lift***.

**"D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

"***<u>D1. Fatti tal-kaz fil-qosor :</u>***

"Skond l-istess attur l-pozizzjoni tieghu fuq ix-xoghol kienet wahda ta' shab. Hu ma kienx impjegat minn haddiehor. Ix-xoghol kien ta' tibjid. Huma ma kinux impjegati ta' Bartolo izda sar ftehim li jsir xoghol ghalih. Dwar kif sar l-incident dan johrog car minn kliem l-attur stess li fejn qal illi meta gew biex jghaddu l-bramel biex jahsluhom isfel ghaddewhom mix-***shaft*** tal-***lifts***. Din kienet decizjoni ta' kollha kemm huma. L-incident gara kif kien qed inewwel l-oggetti ghal isfel. Fil-fatt hu kien nizzel l-ghodda u kien qed jistenna biex jghidlu biex jerga' jnizzel. Sadanittant serrah idejh mal-injama u cediet bih. Bartolo ma kien tah ebda struzzjonijiet ta' kif jghaddu l-ghodda. Kawza tal-incident l-attur kellu jigi rikoverat l-isptar u anke barra u ghamel zewg operazzjonijiet. Illum il-gurnata hu jista' jitla' u jinzel slielem pero` jbati u ma jistax jaghmel tul ta' hin fuqhom. Spjega li hu fuq scaffolding mhix daqshekk problema ghax l-importanti li ma joqghodx fuq l-gharqub, u jghaddi minn tavlun ghal

iehor. Dak iz-zmien li ghamel l-isptar thallas Lm40 fil-gimgha ghas-6 xhur. Kien ghamel xagharejn l-siptar u erba' xhur ohra d-dar ma ghamel xejn xejn. Dwar l-ambjent fejn kienu qeghdin jahdmu seta' jghid li kien hemm strixxi ta' injam ma kull fetha li kienet taghai ghax-xaft.

"***<u>D2. Responsabbilta`</u>***

"Din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenza tal-kawza fl-ismijiet **Armando Caruana vs Filomenu Pace** esercenti l-kummerc taht l-isem ta' Guys Aluminium deciza fid-1**9 ta' Gunju, 2007 [**Citazz. Nru: 318/04FS] qalet:

""Certament jinkombi fuq l-***employer*** li jipprovdi ***a safe system of work*** ghall-impjegati tieghu, kemm jekk ix-xoghol isir f'fabbrika kif ukoll jekk il-haddiema jintbaghatu jahdmu barra mill-fabbrika. Xoghol barra mill-fabbrika xorta wahda ghandu jkun ***safe system of work*** u dan japplika mill-bidu nett sal-ahhar nett li jkun qieghed isir ix-xoghol. Huwa d-dover ta' min ihaddem li qabel ma jibghat il-haddiema tieghu fuq il-lant tax-xoghol jivverifika li l-kundizzjonijiet huma ***safe*** u minghajr riskji ghall-haddiema tieghu. Ghalhekk huwa d-dover ta' min ihaddem li jispezzjona l-post tax-xoghol u jevalwa r-riskji involuti u li ma jkunx hemm periklu ghall-haddiema. Taht kull cirkostanzi l-haddiem m'ghandux jigi mqieghed fil-periklu bla bzonn."

"Kif tajjeb osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza **<u>Bugeja vs Montanaro Gauci</u>**, deciza fl-14 ta` Mejju, 2004:

""huwa daqstant importanti fil-kuntest ta` responsabbilita` li l-<u>ambjent kollu</u> fejn jahdmu l-impjegati jkun tali li jwarrab l-ickenn possibilita` ta` infortunji fuq ix-xoghol. Dan l-obbligu huwa generalment rikonoxxut bhala dmir tal-***employer*** li jipprovdi '***a safe place of work***'"

"L-istess principju nsibuh fil-kawza **Gauci vs Korporazzjoni Enemalta,** deciza fl-10 ta' Ottubru, 2006 fejn inghad:

“qabel ma jintbaghat haddiem jahdem fuq sit, minn ihaddem ghandu obbligu “li taghmel ezami jew spezzjoni semplici sabiex tara min qabel li l-post u l-ambjent fejn ikun ser isir ix-xoghol huwa wiehed ***safe***”.”

“Kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-20 ta’ April 2007, Imhallef Dr. T. Mallia, fil-kawza fl-ismijiet **Mayer Scicluna vs T.N. Waterproofing Limited**:

““Din il-Qorti, diversi drabi wkoll sahhet fuq il-htiega ta` supervizzjoni (“Agius vs All Services Ltd”, deciza minn din il-Qorti fit-2 ta` Gunju, 2005), u f`dan il-kaz dan kien mehtieg mhux biss biex jigi assikurat li l-lant tax-xoghol kien ***safe*****,** izda biex jassigura wkoll li l-haddiema juzaw l-appart kollu fornit lilhom.”

“Ukoll issir referenza ghall-kawza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Attard***,* deciza fit-2 ta` Settembru, 1999 fejn intqal:

““min ihaddem mhux biss ghandu jara li jkun hemm ***available*** apparat ta` ***safety*****,** izda ghandu jinsisti mal-***foreman*** li ma jsirx xoghol minghajr l-uzu tal-apparat, u jara li din l-ordni tigi segwita.”

“Fil-kawza fl-ismijiet **Grezzju Scicluna vs C. Cini & Sons Limited**, deciza fis-27 ta’ Lulju 2006, Imhallef Dr. Tonio Mallia, il-Qorti ccitat l-awtur Whincup mill-ktieb ***Modern Employment Law*** li jelenka erba’ principji bazici. Dawn huma:

“*(i) the employer must ensure that the employee knows the dangers,*

“*(ii) the employer must ensure that the employee knows the precautions to be taken against these dangers,*

“*(iii) the employer must ensure that the precautions are available,*
*the employer must ensure that the employee knows these precautions are available.*

“F’dan l-istadju l-Qorti qed tirreferi ghal sentenza ohra moghtija minn din il-Qorti presjeduta mill-Onor. Imhallef Dr. Joseph Azzopardi fit-13 ta’ Gunju 2007 fl-ismijiet **Anna Micallef et vs Allchem Limited et** u tikkwota parti mis-sentenza taghha fejn ghamlet referenza ghal diversi sentenzi.

““Din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **D’Anastasi vs Enemalta Corporation** deciza fit-28 ta’ Gunju, 2005 qalet;

“Illum it-tendenza ricenti tal-Qrati taghna, issa msahha ukoll minn legislazzjoni iktar moderna u konsonanti maz-zminijiet hija li hemm kwazi presunzjoni illi incident industrijali jigri ghax ma kienx hemm a safe system of work.

“Huwa facli ghal dak li jipprovdi x-xoghol illi jwahhal fl-impjegat ghax uza ghodda mhux koperti minn apparat ta’ sigura izda fuq kollox l-impjegat ikun qed jahdem ghall-ahjar ta’ min jaghtih ix-xoghol u minflok ma jgerger u jilmenta mill-ghodda ikun medd idejh ghax-xoghol. Ma hux sew fil-fehma tal-Qorti li wiehed jattribwixxi xi tort lill-attur u nghidulu li kien ahjar li hasel idejh.

“Kif irriteniet ukoll din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Schembri vs Caruana nomine** deciza fit-12 ta’ Jannar, 1983, ***employer*** illi jkun jaf li fil-makkinarju tieghu hemm perikolu u ma jiehu ebda passi biex jirrimedja ghal dan jesponi ruhu ghall-konsegwenzi legali li johorgu minn dan l-***employer*** (ghandu jahseb) illi jippjana sew ix-xoghol u jikkunsidra l-fatt li l-istess haddiema gieli jittraskuraw ir-riskji involuti fix-xoghol taghhom ta’ kull jum.

“Kif ukoll qalet l-istess Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Kevin Mallia vs Alf Mizzi and Sons Limited** deciza fid-9 ta’ Ottubru, 2003 min ihaddem ghandu d-dover li jipprovdi post tax-xoghol li ma jkunx ta’ periklu u riskju ghas-sahha ta’ l-istess haddiem (ara **Bugeja vs Falzon** deciza minn din il-Qorti fit-30 ta’ April, 1997 u **Desira vs Grech and Co. Ltd.** deciza fit-30 ta’ Mejju, 2002).”

"Jibda biex jinghad li dwar ***a safe system of work*** dan jinkombi mhux biss fuq l-***employer*** izda fuq kull min jinkariga xoghol, anke jekk dan ikun kuntrattur li jqabbad lil nies ohra jaghmlu xoghol. Il-post fejn isir xoghol, dejjem tenut kont tat-tip ta' xoghol ghandu jkun wiehed li jevita r-riskji lill-haddiema u dan minhabba li dawn certament m'ghandhomx jitqieghdu fil-periklu bla bzonn. Hu importanti li l-ambjent kollu ma jkunx hemm periklu bla bzonn fih. Huwa dmir tal-***employer***/kuntrattur li jaghmel ezami jew spezzjoni tal-post tax-xoghol u jkun cert li l-lant tax-xoghol ikun wiehed minghajr perikoli zejda. Huwa obbligu ta' min jimpjega jew jassenja xoghol li jara li l-haddiem jaf bir-riskji u l-prekawzjonijiet li ghandu jiehu.

"Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk il-kuntrattur kellu l-obbligu li jara li fejn sejrin imorru jahdmu haddiema dawn ma jkunux esposti ghal perikoli zejda. Irrizulta li fil-post in kwistjoni kien hemm il-bokka tal-***lifts*** u din kien hemm ftit strixxi ta' l-injam quddiem il-bokka halli wiehed ma jistax jaqa' mix-***shaft***. Hawnhekk fil-fehma tal-Qorti hija r-responsabbilta` tal-kuntrattur Bartolo li minnflok ma ha hsieb li t-tali aperturi ghax-***shaft*** ikunu maghluqin b'mod verament effikaci dawn kellhom sempliciment ftit strixxi ghaddejjin. Dan iwassal ghal responsabbilta` <u>parzjali</u> ta' Bartolo.

"Fil-fehma tal-Qorti pero` l-konvenut l-iehor Cauchi ma jidhirx li ghandu responsabbilta`. L-attur, Cauchi u Vassallo kienu offrew is-servizzi taghhom lil Bartolo. Huma kellhom jezegwixxu x-xoghol necessarju, huma kienu ***partners*** u hadd ma kien qed jaghti ordni lil hadd. Li gara ma kienx responsabbli ghalih Cauchi izda ***se mai*** l-agir ta' Bartolo, ta' l-istess attur, ta' Cauchi u Vassallo. Cauchi b'ebda mod ma impona fuq Cutajar kif ghandu jsir ix-xoghol u ghalhekk tqis li m'ghandux responsabbilta` ghall-incident.

"Dwar l-attur jinghad li dan certament ikkontribwixxa b'mod sostanzjali ghal dak li gara. Kienet id-decizjoni tieghu u ta' shabu li jnizzlu x-xoghol mix-***shaft***. Ghalkemm il-post fejn kienu qed jahdmu kien nieqes mis-***safety*** l-incident gara kawza <u>wkoll</u> ta' l-agir tal-haddiema u ghalhekk l-attur ghandu jbati parti mir-responsabbilta`. L-

istess attur strah fuq l-injama. Certament li kieku Bartolo kien ghamel xi injam ohxon u soghod l-incident ma kienx jigri. Fl-istess hin kien jaghmel sens li meta ghandek ***shaft*** quddiemek tistrieh ma' bicca strixxa ta' injama kif ghamel l-attur? Ghax ghalkemm certament hemm reponsabbilta` ta' Bartolo daqshekk iehor hemm ta' l-attur, u ghalhekk l-attur ghandu jbati parti mir-responsabbilta` ta' l-incident. Ghalhekk il-Qorti tqis ir-reponsabbilta` ta' l-incident fil-porzjon ta' 2/3 il-konvenut Bartolo u 1/3 l-attur.

"Jinghad ukoll li l-incident ma jidhirx li kien tal-gravita` terribbli li wiehed seta' jiehu l-impressjoni mill-bidu ghax fil-fatt l-attur illum il-gurnata jidher li hu f'kundizzjoni pjuttost tajba, tant li jiflah jahdem, izda qabel ma l-Qorti tghaddi ghall-kwantifikazzjoni jekk tirrizulta dizabilita` tal-***lucrum cessans*** u ***damnum emergens*** hu necessarju li jkollha quddiemha stima tal-***percentage disability*** jekk hawn kawza ta' l-incident u prospett prezentat mill-attur tad-danni. Ghalhekk hi necessarja n-nomina ta' tabib ortopediku ghal dan l-iskop.

"**E. KONKLUZJONIJIET:**

"Il-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Mario Cauchi u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

"Dwar l-eccezzjonijiet tal-konvenut Bartolo, il-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni ghax il-fatt li l-attur ma kienx inkariga direttament mhix raguni valida biex ma jidholx fir-responsabbilta` minhabba li r-responsabbilta` tieghu hija biss rizultat ta' l-ambjent tax-xoghol.

"Kuntrarjament ghal dak sollevat fit-tieni eccezzjoni tal-konvenut Bartolo l-incident ma garax <u>unikament</u> tort tal-attur minhabba traskuragni assoluta tieghu, izda zewg $^{2}/_{3}$ ta' l-istess konvenut Bartolo u $^{1}/_{3}$ ta' l-attur u ghalhekk tichad it-tieni eccezzjoni.

"Dwar it-tielet eccezzjoni fejn Bartolo jikkontesta l-aspett tad-dizabilita` u danni konsegwenzjali, din tista' tigi definita wara n-nomina ta' espert ortopediku u ghalhekk

dwar din l-eccezjoni l-Qorti tiddeciedi fuq dan l-aspett wara r-rapport ta’ tali espert.

“Spejjez riservati ghal wara l-gudizzju finali.”

**L-APPELL TAL-KONVENUT DIONE BARTOLO**

2.1. Il-konvenut Dione Bartolo hassu aggravat bis-sentenza surreferita u ghalhekk interpona appell minna, ghal fini ta’ riforma, u dana billi din il-Qorti,
“timmodifika s-sentenza appellata in kwantu fil-konfront tal-esponenti (sic) u dana billi tilqa’ l-eccezzjonijiet tieghu u tichad it-talbiet attrici fil-konfront tal-istess esponenti u dana bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat”.

2.2. L-aggravji ta’ l-appellant Dione Bartolo jistghu jigu migburin u sintetizzati kif ser jinghad:
(i) Il-konsiderazzjonijiet maghmula mill-ewwel Qorti li inducewha tasal ghall-konkluzjoni msemmija fis-sentenza apellata huma zbaljati. L-appellant ma espona lil hadd ghal periklu fuq il-lant tax-xoghol u l-analogija li saret ma’ l-istatus ta’ “employer” hija wkoll wahda skorretta;

(ii) Fil-kaz in ezami si trattava ta’ appalt moghti lil nies tas-sengha u kien jinkombi fuqhom u mhux fuq l-appaltatur biex jaraw li kollox isir kif titlob is-sengha tax-xoghol;

(iii) Min jassumi li jiehu appalt ghandu jiehu wkoll fuq spallejh dak kollu li huwa mehtieg biex jipprevjeni riskji fuq il-lant tax-xoghol u jara li jevitahom;

(iv) F’kull kaz, gia` kienu ttiehdu mizuri sabiex tithares is-sigurta` ta’ dawk li kienu prezenti fil-lok fejn kellu jigi esegwit l-appalt;

(v) Id-decizjoni li jitnizzel materjal relatat max-xoghol mix-“shaft” tal-lift, u mhux billi jintuza t-tarag, ittiehdet interament minn dawk li kienu qeghdin jesegwixxu xoghol ta’ tibjid fl-appartament *de quo*, u mhux mill-appellant. Dan il-fatt ftit li xejn inghata piz mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha.

(vi) Fi kwalsiasi kaz, anke fir-rapport ta’ bejn “employer” u haddiema, xorta wahda huwa mistenni li dak li jaghmel ix-xoghol ghandu wkoll “jezercita l-kura ta’ *bonus paterfamilias*”. Ghalhekk it-tehid ta’ riskji bla bzonn jammontaw ghal negligenza minn min jiehu r-riskju. F’dan il-kaz jirrizulta bic-car li r-riskju ttiehed mill-haddiema, bla ma kien hemm xi intromissjoni jew kontribuzzjoni da parti ta’ l-appellant Bartolo, u li ghalhekk dan ma kien jahti assolutament xejn ghall-infortunju ta’ l-appellat attur.

**<u>IR-RISPOSTA TAL-ATTUR APPELLAT</u>**

3.1. L-attur appellat wiegeb li s-sentenza moghtija hija wahda gusta u timmerita li tigi kkonfermata.

3.2. Il-proprjeta` fejn sehh l-incident hija proprjeta` tal-konvenut Bartolo u dan kien jaf li l-attur kien qieghed jassisti lil haddiem iehor, ghalkemm il-ftehim ta’ appalt tax-xoghol ma sarx mieghu. Il-blokk ta’ bini fejn sar ix-xoghol kien ghadu fi stat “ta’ gebel u saqaf”. Qabel bdew xogholhom, il-konvenut Bartolo stess tellghalhom l-apparat u l-ghodod fis-sular ta’ fuq bl-uzu ta’ krejn. L-incident sehh meta tlesta x-xoghol u dan “meta l-attur appellat serrah ma’ strixxa tal-injam illi kienet timblokka *in parte* l-fetha tax-“shaft” tal-lift fis-sular li kien qieghed fih, waqt li kien qieghed inizzel dawn l-oggetti b’habel, u din l-injama cediet bih, bil-konsegwenza illi waqa’ ghal isfel”. L-uniku nuqqas ta’ qbil kien dwar il-gholi li kienu l-faxxi tal-injam li kienu mwahhlin mal-parti ta’ gewwa tal-lift bl-imsiemer tal-azzar. Mix-xhieda prodotta jirrizulta li dawn kienu sa gholi ta’ ftit piedi mill-art ta’ kull sular. Skont l-attur appellat ghalhekk “huwa evidenti” illi dan ix-“shaft” kien intiz li jintuza waqt li jkun ghaddej ix-xoghol fil-“block”, u dan ghal skopijiet simili bhal dak li ghalih intuza fil-kaz odjern mill-attur appellat. Is-sid “kellu jaccerta ruhu illi tali post ikun hieles minn perikolu, partikolarment dak it-tip ta’ perikolu illi jista’ jigi evitat bi ftit aktar hsieb u li kieku s-sid rega’ pprovda krejn biex jitnizzel il-materjal tax-xoghol”, skont l-appellat, “ma kienx ikun hemm il-htiega illi l-haddiema juzaw ix-xaft tal-lift kif fil-fatt gara”.

**<u>IR-RISPOSTA TA’ L-APPELLAT KONVENUT MARIO CAUCHI</u>**

4. L-appellat Cauchi min-naha tieghu wiegeb illi s-sentenza appellata, in kwantu tirrigwarda lilu hija wahda gusta u timmerita li tigi kkonfermata. Fil-fatt, l-appellant Bartolo qieghed jitlob biss modifika limitatament fil-konfront tieghu stess u ta' l-appellat attur Alfred Cutajar.

**OSSERVAZZJONIJIET PRELIMINARI**

5.1. Qabel ma tinvesti l-meritu ta' l-appell, din il-Qorti thossha fid-dover li taghmel xi osservazzjonijiet dwar il-kaz in ezami, kemm ta' natura generali u kemm ukoll ta' natura partikolari u li jirreferu direttament ghall-kaz mertu tal-appell odjern.

5.2. Il-Qorti tibda billi tirrileva li gieli qeghda tigi rinfaccjata b'sentenzi, bhal dik li minnha sar l-appell odjern, li jkunu jikkonsistu f'sunt tad-deposizzjonijiet moghtijin, segwiti mbaghad b'accenn ghal sensiela ta' riferenzi minn kazistika lokali jew estera u fl-ahharnett deduzzjoni xotta xotta in linea ta' motivazzjoni in determinazzjoni tal-vertenza. Dak li jqanqal certu ammont ta' perplessita` f'din il-Qorti huwa meta tinnota li l-kawzi decizi li tkun saret riferenza ghalihom mhux dejjem ikunu msejsa fuq fattispecji simili ghal dawk mertu tal-kawza. Din il-Qorti ghalhekk thossha fid-dmir illi tissottolineja li meta riferenzi ta' din ix-xorta jigu citati b'approvazzjoni u b'sostenn, dan l-ezercizzju ghandu jsir b'kawtela u b'doza ta' cirkospezzjoni. Altrimenti, l-istess riferenzi aktar iservu biex jikkonfondu milli jikkonvincu.

5.3. In linja partikolari mbaghad, ghandu jigi osservat li f'dan il-kaz, minkejja li fix-xhieda tieghu l-attur ried jaghti x'jifhem li ser jibqa' jbati (fi kliemu) “il-konsegwenzi ta' dan l-incident ghal ghomr(i), u dan peress li b'segwitu ta' dan l-incident ma nistax naghmel xoghol li jirrikjedi li nitla' slielem” (hekk ara para 5 tal-affidavit ta' l-attur datat l-1 ta' Dicembru 2003 a fol. 26 tal-process), ir-ritratti (Dok IGV 1-2-3) mehudin fil-bidu ta' Marzu 2004 u li gew esebiti mill-konvenut appellant (ara fol. 35 sa 37), jaghtu invece stampa kemmxejn differenti. Naturalment, ahjar hekk inkella aghar, u tajjeb ukoll li l-attur jidher li rpilja sew fizikament minn dakinhar ta' l-incident , imma l-impressjoni ghal kollox pessimista li ried jaghti l-attur dwar

sahhtu ma tidhirx li hija ghal kollox rispekkjata mill-fatti *in concreto*. Anke l-ewwel Qorti ikkummentat dwar dan il-fatt fis-sentenza appellata. Izda l-appell m'huwiex fuq dan.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

6. Dan l-appell jirrferi ghall-incident li gara fi blokk ta' appartamenti fi Triq il-Marfa, Mellieha, in data tas-16 ta' Frar 2001, u li fih safa' mwegga' l-attur appellat meta waqa' gholi ta' madwar tlett (3) sulari minn gewwa "shaft" intern li kien intiz biex fih jigi installat lift, u li pero` kien ghadu ma twahhalx. Ix-xoghol li kellu jaghmel l-attur – wara li pprezenta ruhu biex jippresta s-servizzi tieghu bhala bajjad ma' persuna ohra (mhux l-appellant Bartolo) – kien jikkonsisti f'tibjid permezz ta' "rollers". L-ghodod u l-materjal li kellhom juzaw il-bajjada – li minn wiehed saru tlieta – ittella' fis-sulari ta' fuq permezz ta' krejn li gie pprovdut mill-appellant Dione Bartolo, li kien apparantement is-sid jew ta' l-anqas fil-pussess tal-istess blokk fejn sar ix-xoghol. Meta gew fi tmiem xogholhom u gew biex jigbru lura l-ghodod u l-materjal konness max-xoghol (xi bramel, kontenituri tal-plastika u pniezel) it-tlett bajjada ddecidew, minn jeddhom, li jaghmlu uzu mix-"shaft" tal-lift. Tnejn minnhom, jigifieri l-konvenut Mario Cauchi u Emanuel Vassallo (li ghal xi raguni baqa' ma giex imharrek ukoll mill-attur) nizlu fil-parti ta' isfel tal-appartamenti, filwaqt li l-attur baqa' fis-sulari ta' fuq. Il-materjal intrabat ma' "wire" tat-telefon (!) li nzerta kien fil-post bl-iskop li jghaddi marbut mix-"shaft" tal-lift meta f'hin minnhom l-attur waqa' 'l isfel fil-"basement" tal-blokk.

7.1. Sa issa din il-Qorti tat dettalji ta' dak li sehh b'mod pjuttost generiku ghaliex meta wiehed jigi biex jezamina l-fatti tal-kaz b'mod aktar approfondit isib numru ta' dettalji mhux iccarati sufficjentement.

Per ezempju, il-konvenut Mario Cauchi jghid li Bartolo qallu li "kellu" l-blokk ta' appartamenti fil-pussess tieghu (fol. 83) filwaqt li Bartolo jiddeskrivi lilu nnifsu bhala "property developer". (fol. 91)

7.2. Aspett iehor ta' importanza imma kemmxejn nebuluz, jirreferi ghal dak li kienu qeghdin jaghmlu l-

bajjada immedjatament fil-mument li sehh l-incident. L-attur xehed li huwa kien qieghed jistenna hdejn wahda mill-bokki tax-"shaft", sakemm shabu "jghajtuli halli nkompli nnizzel il-bramel ... ... " (fol. 24). Mario Cauchi pero` (fol. 40) jelabora hekk:
"Pero` ghandi nghid li fil-fatt jiena kont inzilt isfel biex nahsel il-pniezel u r-rollers u l-affarijiet konna qed innizluhom u ntellghuhom mix-xaft... ..."

Il-konvenut Bartolo jirreferi invece ghal diskors li allegatament qallu Mario Cauchi u jixhed (fol. 91) hekk:
"Kien (i.e. Mario Cauchi) qalli li kienu qed itellghu xi bramel... ..."

Ghalhekk l-aktar li jista' jinghad, tenut kont tas-suespost, huwa li kien qieghed zgur isir uzu mix-"shaft" vojt tal-lift biex jitnizzlu u jittellghu mill-gdid, almenu sa certu livell, xi ghodod u materjal mit-tlett bajjada fi tmiem l-ezekuzzjoni ta' l-appalt.

8. Ghal dak li jikkoncerna l-kawza prossima tal-incident, hemm ukoll sfumatura ta' divergenza bejn dak li xehed l-attur (li kien jinsab wahdu fil-bokka tal-lift minn fejn jirrizulta li waqa' f'dak il-mument partikolari) u dak li xehed Dione Bartolo (li ma kienx prezenti u li rrepeta dak li allegatament irrelatalu Mario Cauchi).

L-attur ighid li waqt li kien inizzel il-bramel u meta kien fit-tielet sular tal-blokk (fol. 24)
"Jien serraht ftit idejja mal-injama tal-lift li kienet imwahhla fuq in-naha ta' gewwa tal-lift. Din l-injama kienet imwahhla mal-bricks b'zewg imsiemer tal-azzar.

"Ma kontx ilni aktar minn ftit sekondi nistrieh ma' din l-injama, li cediet u nqalghet, peress li kont qed inserrah maghha, x'hin cediet, jien waqajt ghal isfel ... ..." (enfasi mizjud tal-Qorti).

Dione Bartolo invece jixhed hekk (fol.86):
"Meta wasalt staqsejt lil Mario Cauchi kif gara l-incident. Hu kien qalli li kienu lestew mix-xoghol u nizlu jahslu l-affarijiet miz-zebgha u biex ma jitilghux it-tarag bdew

inewlu l-affarijiet minn gol-lift shaft u Mario Cauchi kien qalli li Alfred Cutajar kienet ghelbitu rasu u waqa' 'l isfel" (enfasi mizjud tal-Qorti).

Emanuel Vassallo (fol. 68) xehed hekk – probabbilment din hija l-aktar verzjoni probabbli u verosimili anke jekk m'hijiex kompleta, "Jidhirli li Alfred Cutajar kien qed inizz(l)ilna l-affarijiet b'habel minn gol-lift".

9. Divergenza ohra tirreferi ghall-gholi ta' l-istrippi tal-injam li kienu mwahhlin fil-fetha tax-"shaft" tal-lift. L-attur ma jelabora xejn dwar l-gholi. Mario Cauchi, konvenut u wiehed mill-bajjada, isemmi gholi "ta' xi metru" minn ma' l-art. Emanuel Vassallo jsemmi gholi "ta' xi tlieta, erba' piedi mqassmin fil-gholi".

David Sammut, *Principal Officer* ma' l-awtorita` tal-*Health and Safety* li xehed b'mod "approssimattiv" hafna – aktar impressjonijiet milli fatti konkreti (ara fol. 75-77) – jghid biss "jien ma kontx rajt xaftijiet maghluqin u li kienu 'safe'". Il-konvenut Bartolo (l-appellant) xehed (fol. 91) in kontro ezami li "l-bokka tal-lift kienet maghluqa bl-injam b'mod illi kienu gholjin xi metru u nofs mill-art. Infatti kien hemm xi erba' (4), hames (5) strixxi kull sular ghax ma kenitx injama wahda ... ... Kienu jwahhluhom il-haddiema tal-kostruzzjoni".

10. Din il-Qorti wara li hasbet fit-tul dwar l-aspetti kollha li waslu ghal dan l-incident, hija tal-fehma li l-aggravji tal-konvenut appellant Dione Bartolo huma fondati. Fl-ewwel lok ma jirrizultax mill-provi akkwiziti illi l-konvenut Bartolo seta' jitqies bhala li kien verament l-"employer" tal-attur. Fil-fatt, it-tlett bajjada involuti kienu lkoll "self-employed", jahdmu ghal rashom u lanqas biss jirrizulta li Bartolo qatt impjega hu direttament lill-attur. Fit-tieni lok, il-post fejn sehh l-incident ma jista' qatt jigi deskritt bhala "fabbrika" jew xi haga simili ghax dan evidentement kien jikkonsisti fi blokk ta' bini fi stat ta' kostruzzjoni. Dana qieghed jinghad ghaliex il-kazistika li ghaliha saret riferenza mill-ewwel Qorti ftit li xejn tista' tghodd, jew hija applikabbli, ghall-kaz in ezami. Naturalment, b'daqshekk ma jfissirx li min jesponi haddiema ghal periklu car m'ghandux igorr il-

konsegwenza ta' ghemilu imma f'kull kaz in-ness bejn il-kawza u l-effett ghandu dejjem ikun il-fattur determinanti fi kwistjonijiet ta' danni deriventi minn negligenza. Fi kliem iehor bhala punt ta' tluq altru kaz fejn il-lant tax-xoghol huwa xi ufficju, fabrika jew stabbiliment miftuhin ghall-pubbliku u altru blokk ta' appartementi li ghadu qieghed jigi kostruwit. Fit-tielet lok, imbaghad it-tlett haddiema involuti fl-appalt ma kenux fis-sit in kwistjoni ghal dak li jinqala', imma kienu jinsabu fih specifikament biex jaghmlu hidma partikolari u definita. Il-kweziti li jridu jsiru fil-kaz in ezami ghalhekk huma dawn: kien hemm il-htiega li l-haddiema jaghmlu uzu mill-bokka tax-"shaft" tal-lift? Kien hemm mod jew lok iehor mnejn setghu jitnizzlu l-ghodod tax-xoghol? Kien hemm xi ostakolu li seta' impedixxa lill-haddiema milli jnizzlu l-ghodod taghhom b'mod li ma jkunux esposti ghal xi riskju jew perikolu ghal sahhithom? Ittiehed xi riskju mhux mehtieg li in konsegwenza tieghu sehh l-incident *de quo*? U jekk jirrizulta li bhala fatt ittiehed tali riskju ta' periklu, min ikkontribwixxa ghalieh? U fl-ahharnett, x'kienet il-kawza prossima tal-incident?

11. Meta wiehed jikkonsidra bir-reqqa din is-sensiela ta' kweziti pertinenti ghall-kaz, isib li riferibbilment ghall-infortunju li garrab l-attur ma jahti hadd hlief l-attur innifsu u hadd izjed. L-attur kien pjenament konsapevoli tal-fatt li l-lant tax-xoghol kien jikkonsisti f'binja fi stadju ta' kostruzzjoni. Ix-xoghol li kellu jsir mill-attur u z-zewg haddiema l-ohra, u dan hu fattur determinanti, kien dak ta' tibjid permezz ta' "rollers" u ma kien jinvolvi ebda periklu *per se*`. Fi tmiem l-appalt ma kien hemm assolutament ebda ostakolu li jimpedixxi li 'l dawn it-tlett bajjada, kompriz l-attur appellat, milli jaghmlu uzu mit-tarag biex inizzlu l-ghodod kollha tax-xoghol (konsistenti f'numru ta' bramel, pniezel u kontenituni tal-plastika). Ma kien hemm ebda raguni ghalfejn l-attur kellu jersaq lejn xi wahda mill-bokki tax-"shaft" waqt l-ezekuzzjoni tal-appalt. Id-decizjoni li l-bajjada hadu biex inizzlu l-ghodod minn gewwa x-"shaft" tal-lift kienet tammonta ghal tehid ta' riskju bla bzonn. Il-bokka tax-"shaft" ma kienet qatt intiza biex isir uzu minnha u l-istrippi tal-injam kienu biss hemm bhala monitu ghal min ikun fil-vicinanzi. Din il-Qorti

assolutament ma tikkondividix il-fehma tal-attur appellat meta ssottometta (ara risposta tal-appell, para. 7, fol. 12 tal-atti tal-appell) li:
"Iadarba x-shaft ma kienx imblokkat ghal kollox, u cioe` l-gholi kollu tal-fetha, huwa evidenti illi dan ix-"shaft" kien intiz li jintuza waqt li jkun ghaddej ix-xoghol fil-block, u dan ghal skopijiet simili bhal dak li ghalih intuza fil-kaz odjern mill-attur appellat."

U fil-fatt, il-provi prodotti juru proprju bil-maqlub ta' din il-fehma. Meta gew biex jibdew l-appalt, l-appellant Bartolo tellghalhom hu minn jeddu l-ghodod tax-xoghol bl-uzu ta' krejn. Il-bajjada stess xehdu li kienu anke ghamlu uzu mit-tarag ukoll. Dwar l-uzu tax-"shaft" minflok it-tarag jidher sufficjentement evidenti li din kienet il-frott ta' decizjoni imprudenti u riskjuza u minghajr gustifikazzjoni da parti tal-bajjada. Ix-xhud Emanuel Vassallo, li kif gia` ntqal ghal xi raguni li jafha biss l-appellat Cutajar, ma giex imharrek ukoll bhala konvenut, jelabora hekk *inter alia* (fol. 69, in kontro-ezami):
"Forsi kif gie deciz li jitnizzlu minn gox-xaft tal-lift nghid li dak il-hin qbadna u mxejna hekk. Ahna uzajna t-tarag ghax tarag fil-fatt kien hemm. Il-gurnata ta' qabel konna uzajna t-tarag biex innizzlu l-affarijiet mis-sular ta' fuq nett ghal ta' wara. Mistoqsi ghaliex ma uzajniex l-istess sistema bit-tarag nghid li ma nafx ghaliex."

Dan hu diametrikalment u nettament bil-maqlub ta' dak sottomess mill-attur fir-risposta tieghu. Biex ikompli jaggrava r-riskju li l-attur appellat pogga lilu nnifsu fih, huwa inoltre ddecieda – dana jixhdu hu stess – li "ghal ftit sekondi" jistrieh ma' l-istrippi tal-injam in kwistjoni u fil-fatt din kienet probabbilment il-kawza prossima li ssiggillat in-negligenza u non kuranza da parti tal-attur appellat. L-istrixxi tal-injam imsammrin mad-diversi bokki tax-"shaft" ma kienu qatt intizi biex xi hadd jipprova jistrieh maghhom, lanqas ghal ftit sekondi. Dan apparti l-konsiderazzjoni li fil-fehma ta' din il-Qorti, id-dinamika tal-incident probabbilment ma gratx ezattament u unikament ghar-raguni moghtija mill-attur appellat. Li probabbilment gara kien li, biex jevitaw milli joqghodu jitilghu mit-tarag, it-tlett bajjada ddecidew li "jiffrankaw" xi ftit mill-iskarigg billi

jnizzlu l-bramel u l-ftit ghodod l-ohra billi jorbtuhom ma' bicca "wire tat-telefon" u jnizzluhom mix-"shaft" tal-lift. Tnejn minnhom nizlu jistennew fl-ambjenti t'isfel filwaqt li l-attur baqa' f'wiehed mis-sulari ta' fuq hdejn wahda minn dawn il-bokki, ossija aperturi, tax-"shaft" biex inewlilhom l-imsemmija bramel *et coetera* marbutin bil-"wire". Ovvjament, fil-kors ta' din l-operazzjoni semplici imma daqstant iehor riskjuza, l-attur htieglu jesporgi 'l barra fl-imsemmija apertura tax-"shaft" sabiex jidderiegi l-materjal hekk marbut 'l isfel. Li probabbilment gara kien li proprju f'dan il-waqt l-attur tilef il-bilanc (i.e. "ghelbitu rasu"), ipprova jzomm ma' l-istrixxi tal-injam li kien hemm imsammrin mal-bokka tax-"shaft", dawn cedew u nqalghu in konsegwenza ta' din il-pressjoni fuqhom da parti tal-attur, bir-rizultat li l-attur sab ruhu fl-ambjenti ta' isfel ghaliex waqa' minn gox-"shaft" tal-lift.

12. F'dan l-*iter* li wassal finalment ghall-infortunju tal-attur, din il-Qorti ma rriskontrat assolutament <u>ebda</u> responsabbilita` kontributorja, jew xort'ohra, min-naha tal-konvenut appellant, kif zbaljatament ikkonkludiet l-ewwel Qorti. Ma rrizulta ebda ness li b'xi mod iressaq lill-appellant Bartolo lejn xi forma ta' htija ghal dak li gara. Li kieku, ghall-grazzja ta' l-argument, kellu jirrizulta li waqt li qeghdin jizbghu s-saqaf, waqghet xi parti minnu u laqtet lill-attur, allura xi forma ta' ness kienet tkun prezenti. Li kieku l-bajjada sabu t-tarag imbarrat jew ingumbrat talment li kellhom necessarjament jadoperaw inzul alternattiv ghall-ghodod taghhom, allura hawn ukoll wiehed seta' jitkellem fuq in-nuqqas ta' "a safe place of work", imma dan ma kienx il-kaz. Li kieku rrizulta li l-attur, minflok utilizza x-"shaft", nizzel l-affarijiet mit-tarag u zelaq minhabba xi materjal ingombranti t-tarag jew ghaliex it-tarag kellu xi difett strutturali, allura wiehed seta' jikkonnetti b'xi mod ma' l-incident lill-appellant konvenut, <u>imma mhux hekk kien il-kaz</u>. L-infortunju sehh unikament ghaliex il-bajjada, minn jeddhom, ghazlu li jutilizzaw ix-"shaft" tal-lift b'riskju bla bzonn ghal sahhithom u gara dak li gie spjegat *supra*. Ghalhekk kjarament isegwi li l-aggravji tal-konvenut appellant Dione Bartolo huma fondati u li, konsegwentement l-appell tieghu ghandu jigi milqugh.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa' l-appell tal-konvenut Dione Bartolo, tirriforma s-sentenza appellata minn kif gie deciz mill-Qorti ta' l-ewwel grad in kwantu l-konvenut appellant Dione Bartolo gie misjub responsabbli *in parte* ghall-incident *de quo* flimkien ma' l-attur appellat, u dan billi tirrevoka din il-parti tas-sentenza appellata u minflok, qeghda tilqa' l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut Bartolo u tichad it-talbiet attrici dwar responsabbilta` fil-konfront tieghu wkoll; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, b'dana li l-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu interament u unikament mill-attur appellat Alfred Cutajar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------